# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 18 ta’ Gunju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi omissis

Akkuzat talli nhar

1. Fil-11 ta’ Dicembru, 2005 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew/u xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom u cioe’ ’air pistol’ tal-marka Walther;
2. U talli fl-istess zmien u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer zamm fil-pussess tieghu jew kellu taht il-kontroll tieghu jew garr arma tan-nar u cioe’ air pistol tal-marka Walther jew munizjon minghajr ma’ kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisafacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni ta'l-imputat, l-fedina penali u l-eta tieghu, kif ukoll id-dekors taz-zmien mid-data li fiha twettqu r-reati in ezami. Rat ukoll li ai termini tal-Kapitolu 480 il-Qorti hija prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 37 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikundannah hames xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' sena. In oltre u bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 qed tordna l-konfiska ta'l-arma esebita formalment, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 ta'l-istess Kapitolu 480 qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja taht il-Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**